MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Numru. 39/2008

Il- Pulzija
(Spettur Johann J.Fenech)

-vs-

Nazzareno Zarb

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Nazzareno Zarb ta' 36 sena, imwieled Pieta' fit-23 ta' Awissu, 1971, iben Anthony u Tessie nee` Gatt u residenti "Horant Flats', Flat 4, Triq il-Mandolina, Qajjenza, Birzebbugia, detentur tal-karta ta' l- identita` bin- numru: 375571M.

Akkuzat talli fil-11 ta' Jannar, 2008 ghall-habta tas-13:30 pm f'Birzebbuga:

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-mara tieghu Mary Zarb u b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;
2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill haddiehor, u cioe lil martu, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artiklu 222 (1) meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;
3. Ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq martu Mary Zarb;
4. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50) imma hi izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10);
5. Hebb kontra martu sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmilha hsara;
6. ghamel lil martu ingurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni;

Akkuzat ukoll li sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Appell Kriminali ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dawn ir-reati, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 ghas-sigurta tal-familjari ta' Nazzareno Zarb.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u tghati zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 49, 50, 51, 214, 221, 251A, 251B, 325(1)(c), u 339(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu gew ammessi mill-imputat; dawn ghalhekk huma sodisfacjament pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat min-naha l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, pero min-naha l-ohra ma setghetx ma tikkunsidrax mhux biss n-natura tar-reati odjerni imma ukoll l-fedina penali mill-aktar refrettarja ta'l-imputat.

Illi minn din il-fedina jidher ampjament li l-imputat instab hati ta' diversi reati fuq medda twila ta' snin u minkejja l-provvedimenti li hadet il-Qorti precedentement fil-konfront tieghu, inkluz diversi perjodi ta' prigunerija, huwa ma jridx jibdel hajtu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 51, 214, 221, 251A, 251B, 325(1)(c), u 339(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal-prigunerija ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur.

In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Mary Zarb torbot lill-hati ghal perjodu ta' sena b'obligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elfejn Euro (Euro 2,000)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------